

Brussell, 16 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16938/24
PV CONS 68
JAI 1880
COMIX 515

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
12 u 13 ta' Diċembru 2024

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

16454/24

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 16454/24.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

16500/24 + COR 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

16501/24

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. Regolament dwar informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API): infurzar
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv



16520/24
PE-CONS 69/24
IXIM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 82(1), il-punt (d), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

2. Regolament dwar informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API): fruntieri
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv



16519/24
PE-CONS 68/24
IXIM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: L-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

3. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 fir-rigward ta' Vanuatu
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv



16522/24
PE-CONS 100/24
VISA

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, l-Irlanda ma pparteċipatx fil-vot.

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen 16302/24
Implimentazzjoni tal-prijoritajiet taċ-ċiklu annwali tal-Kunsill ta'
Schengen: iż-żieda tas-sigurtà ġenerali permezz tad-
diġitalizzazzjoni
Skambju ta' fehmiet
4. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà 16430/24
Skambju ta' fehmiet
5. Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi d-data għat-tneħħija (*) 16327/24
tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni fuq l-art ma' u
bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija
(Bażi legali: l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005
tal-Bulgarija u r-Rumanija)
Adozzjoni

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**  16329/24 + ADD 1
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill ma laħaqx approċċ ġenerali parzjali.
L-Awstrija, il-Ġermanja u s-Slovenja ppreżentaw dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Anness.
7. **Affarijiet oħra** 16121/24
Proposti leġiżlattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-Affarijiet Interni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8. Ippjanar leġiżlattivi u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja
Is-sitwazzjoni attwali
9. Migrazzjoni u ażil
 - a) Indirizzar tal-migrazzjoni¹² 16238/24 + COR 1
Skambju ta' fehmiet
 - b) Implimentazzjoni tar-riformi tal-migrazzjoni u l-ažil¹³
Skambju ta' fehmiet
10. Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà: valutazzjoni mis-servizzi nazzjonali tas-sigurtà u tal-intelligence Ewropej¹⁴ 
Is-sitwazzjoni attwali
11. Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi: rapport ta' konklużjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli⁵ 16307/24
Skambju ta' fehmiet
12. Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata⁶ 16293/24
Rapport ta' progress
13. Affarijiet oħra
 - a) Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Budva, 28-29 ta' Ottubru 2024) 13161/24
Informazzjoni mill-Presidenza
 - b) Is-Seba' Konferenza Ministerjali tal-Proċess ta' Budapest (Budapest, 11-12 ta' Novembru 2024) 16208/24
Informazzjoni mill-Presidenza
 - c) L-Istat ta' tħejjija tal-Unjoni 16565/24
Informazzjoni mill-Finlandja
 - d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 16793/24
Preżentazzjoni mill-Polonja

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

² Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA u Frontex.

³ Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA, eu-LISA, Europol u Frontex.

⁴ Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Europol u l-Kopresidenti tas-servizzi domestiċi Ewropej ta' sigurtà u intelligence.

⁵ Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Eurojust u Europol.

⁶ Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUDA u Europol.

IL-ĠINGHA, 13 TA' DIĊEMBRU 2024

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

14. **Direttiva dwar regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti** **15916/1/24 REV 1**
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.
Il-Ġermanja ppreżentat dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

15. **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal** **16674/24 + ADD 1**
Approċċ ġenerali **+ ADD 2**
+ ADD 2 COR 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.
L-Awstrija ppreżentat dikjarazzjoni u l-Belġju, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, is-Slovenja u l-Iżvezja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta kif tinsab fl-Anness.

16. **Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza** **16283/24**
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar id-Direttiva proposta.

17. **Affarijiet oħra** **16121/24**
Proposti leġiżlattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-Ġustizzja.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

18. Ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja
Is-sitwazzjoni attwali

19. Il-futur tal-liġi kriminali⁷ **16101/24 + COR 1**
Skambju ta' fehmiet

⁷ Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Eurojust.

20.	Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi: rapport ta' konklużjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli ⁷ <i>Is-sitwazzjoni attwali</i>	16306/24
21.	Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata ⁷ <i>Rapport ta' progress</i>	16293/24
22.	Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: il-ġlieda kontra l-impunità ⁷ <i>Is-sitwazzjoni attwali</i>	15658/24
23.	It-tisħiħ tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea: riżultati mir-rapport finali dwar l-evalwazzjonijiet reċiproċi (l-ġħaxar ċiklu) ⁷ <i>Is-sitwazzjoni attwali</i>	15834/1/24 REV 1
24.	Affarijiet oħra	
	a) Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Budva, 28-29 ta' Ottubru 2024) <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	13161/24
	b) Negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ftehim dwar l-evidenza elettronika <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i>	16781/24
	c) Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu: żviluppi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu <i>Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni</i>	14245/24
	d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss <i>Preżentazzjoni mill-Polonja</i>	16792/24



L-ewwel qari



Punt ristrett



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Punt li jista' jintalab vot dwaru

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "B" LI JINSABU FID-

DOKUMENT 16454/24

Dwar il-punt "B" **Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**
nru 6: *Approċċ ġenerali parzjali*

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tastjeni mill-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Il-protezzjoni tat-tfal hija prijorità ewlenija għall-Awstrija. L-Awstrija tilqa' l-fatt li ser jiġi stabbilit qafas legali fil-livell tal-UE għall-protezzjoni tat-tfal, b'mod partikolari biex ikopri d-dimensjoni online. Importanti li t-tfal jiġu protetti, li l-fornituri jiġu mgħiegħla jerfġu r-responsabbiltà u li jinħolqu obbligi effettivi ta' rappurtar. Dan jeħtieġ bażi legali ċara fil-livell Ewropew.

Mill-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal, aħna nappoġġaw bil-qawwa l-isforzi għall-protezzjoni tad-dritt tat-tfal għall-integrità fiżika u drittijietom rigward l-immaġni. Id-dritt tat-tfal għall-privatezza jrid ikun imħares ukoll. Dawn id-drittijiet tat-tfal iridu jitqiesu bħala parti mill-bilanċ tal-interessi li hemm bżonn jinstab.

Il-proposta ta' kompromess li qed titressaq mill-Presidenza miexja fit-triq it-tajba kemm mil-lat tad-drittijiet tat-tfal kif ukoll mill-perspettiva investigattiva.

Fin-negozjati li saru s'issa, l-Awstrija appellat konsistentement biex il-miżuri proposti jiġu abbozzati f'konformità mad-drittijiet fundamentali u r-rekwiżiti fl-opinjoni vinkolanti tal-Parlament Awstrijak. Għaldaqstant, appellajna għaż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni interpersonali, b'mod partikolari l-kriptaġġ minn tarf sa tarf. B'mod aktar speċifiku, ninsabu mħassba dwar għadd ta' punti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ordni ta' detezzjoni. Il-miżuri proposti ma jridux iwasslu għal monitoraġġ indiskriminat tal-komunikazzjoni interpersonali kollha. Għalhekk jeħtieġ li ssir aktar ħidma fit-tfassil tal-ordni ta' detezzjoni.

Minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Awstrija tastjeni."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja ma tistax taqbel mal-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-minorenni għandha l-ogħla prijetà għall-Gvern Federali tal-Ġermanja. Il-Gvern Federali għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon kbir proġett Ewropew kondiviż li ser joħloq bażi legali ċara u dejjiema. L-istabbiliment ta' qafas regolatorju Ewropew uniku b'kanali ta' rappurtar effettivi huwa pass kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Bħala parti minn dan l-isforz, huwa importanti li l-fornituri tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni jsiru aktar responsabbli. Fl-istess ħin, id-dispożizzjonijiet ippjanati jridu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni u l-protezzjoni tal-privatezza fl-isfera diġitali. Għall-Gvern Federali, huwa essenzjali livell għoli ta' protezzjoni tad-data u ċibersigurtà, inkluż kriptaġġ minn tarf sa tarf komplet u sigur fil-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Minkejja l-progress miksub s'issa, il-Gvern Federali jemmen li għad iridu jsiru reviżjonijiet ewlenin għar-Regolament propost. Fil-fehma tal-Ġermanja, miżuri li jwasslu għall-iskennjar ta' komunikazzjonijiet kriptati privati u miżuri li jiksru, idgħajfu, jimmodifikaw jew jevitaw il-kriptaġġ minn tarf sa tarf iridu jiġu esklużi mir-Regolament propost. Dan jinkludi b'mod partikolari t-teknoloġiji tal-iskennjar min-naħa tal-klijent applikati għall-apparati tal-utenti.

B'dan il-ħsieb, il-Ġermanja tastjeni mill-vot."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Ir-Repubblika tas-Slovenja tirrikonoxxi l-hteġa li jiġi miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal offline u online u li jiġi stabbilit qafas legali sod u permanenti, li ser jippermetti l-ġlieda effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità mad-drittijiet fundamentali. Napprezzaw l-isforzi li saru mill-Presidenza Ċeka, Żvediża, Spanjola, Belġjana u dik Ungeriża biex jintlaħaq qbil fil-Kunsill. Madankollu, aħna nqisu li t-test propost tal-approċċ ġenerali parzjali (id-dokument 16329/24) għadu ma jilħaqx il-bilanċ xieraq bejn l-effettività tar-Regolament propost u l-iżgurar tal-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

Is-Slovenja tappoġġa d-dispożizzjonijiet fir-Regolament propost rigward il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi u r-rwol taċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Dawn il-kapitoli jgawdu l-appoġġ sħiħ tagħna fl-approċċ ġenerali parzjali propost.

It-tfassil ewlieni għas-Slovenja sa mill-bidu tad-deliberazzjonijiet fil-Kunsill kienu d-dispożizzjonijiet li jintroduċu "ordni ta' detezzjoni", li tippermetti interferenza mad-dritt għall-privatezza tal-komunikazzjoni. F'konformità mal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja, il-privatezza tal-korrispondenza u mezzi oħra ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu sospiżi biss għal żmien stabbilit abbażi ta' inġunzjoni fejn dan ikun meħtieġ għall-istituzzjoni jew l-iżvolġiment ta' proċedimenti kriminali jew għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali. Is-Slovenja ssostni li l-ordni ta' detezzjoni proposta tammonta għall-iskrinjar tal-komunikazzjonijiet interpersonali tal-utenti kollha ta' servizz partikolari abbażi tal-probabbiltà, u xejn aktar, li servizz partikolari jkun qed jintuża jew jiġi abbużat biex jiġi trażmess materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, li jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata mad-dritt għall-privatezza tal-komunikazzjoni.

Minħabba dan, ir-Repubblika tas-Slovenja qiegħda għalhekk tastjeni dwar it-test tal-approċċ ġenerali parzjali għall-*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.*"

Dwar il-punt "B" Direttiva dwar regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul
nru 14: klandestin ta' migranti
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja qablet mal-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI.

Il-Ġermanja tappoġġa l-għan tad-Direttiva li tiġġieled u tipprevjeni l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Fl-istess ħin, huwa importanti li jkun hemm ċarezza u ċertezza legali dwar id-distinzjoni bejn il-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-assistenza umanitarja.

Mill-perspettiva tal-Ġermanja, skont il-premessi 4 u 7, it-test finali tal-approċċ ġenerali ma fih l-ebda obbligu għall-Istati Membri li jikkriminalizzaw l-assistenza umanitarja jew l-appoġġ għal ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, inkluż pariri jew appoġġ legali, lingwistiċi jew soċjali u lanqas l-assistenza pprovduta lill-qraba rispettivament ipprovduti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi.

-
-

Fil-fehma tagħna, dan japplika b'mod partikolari għall-isforzi ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar kif meħtieġ mid-dritt internazzjonali sa u inkluż l-iżbark sussegwenti."

Dwar il-punt "B" nru 15: **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tagħraf l-isforzi magħmula biex jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabilità tal-persuni ġuridiċi u l-penali għalihom fl-Artikoli 13 u 14 tal-proposta ma' dawk fid-Direttivi eżistenti jew fil-proposti għal Direttivi. Il-konsistenza ma' atti legali oħra tal-Unjoni hija essenzjali għall-Awstrija meta jiġu adottati atti legali ġodda biex tinħoloq sistema legali armonizzata tal-UE u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentawhom b'mod uniformi.

Madankollu, fl-opinjoni tagħna, l-Artikolu 14 tal-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal sfortunatament ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti: is-sistema ta' penali proposta għal persuni ġuridiċi ma tikkorrispondix mas-sistema użata f'Direttivi oħra (b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali jew id-Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni) jew fi proposti oħra għal Direttivi, bħall-proposta għal Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin, peress li tippromponi reġim differenti fir-relazzjoni bejn il-livell ta' penali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi. Is-sistema użata s'issa tipprevedi multa ta' 1 % tal-fatturat globali jew EUR 8 miljun bħala ammont fiss għall-persuni ġuridiċi, li tikkorrispondi għal piena ta' ċaħda tal-libertà ta' sena għall-persuni fiżiċi, u għal multa ta' 5 % tal-fatturat globali jew EUR 40 miljun bħala ammont fiss għall-persuni ġuridiċi, li tikkorrispondi għal piena ta' ċaħda tal-libertà ta' ħames snin għall-persuni fiżiċi. Filwaqt li din il-proposta għall-ammont tal-multa korrispondenti għal piena ta' ċaħda tal-libertà ta' sena taderixxi ma' din is-sistema, hi tiddevja minnha fil-każ ta' piena ta' ċaħda tal-libertà ta' ħames snin u tipprevedi 3 % biss minflok il-5 % li dejjem intużat sa llum.

L-Awstrija jiddispjaċiha minn din id-devjazzjoni. Din turriskja toħloq frammentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u diffikultajiet fl-implimentazzjoni għall-Istati Membri. Barra minn hekk, dan l-approċċ jimmina wkoll l-isforzi paralleli biex jinħolqu l-hekk imsejħin "dispożizzjonijiet mudell" għad-dritt kriminali."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, IL-FINLANDJA, L-IRLANDA, IL-LATVJA, IL-LUSSEMBURGU, IS-SLOVENJA U L-IŻVEZJA

"Nilqgħu r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u nixtiequ niddikjaraw dan li ġej.

Madwar wieħed minn kull ħamest itfal huwa vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali. Dan jinkludi l-mess sesswali, l-istupru, il-fastidju sesswali, il-grooming, l-esibizzjoniżmu, l-isfruttament fil-prostituzzjoni u l-pornografija, l-estorsjoni sesswali online, u l-koerċizzjoni.⁸

⁸ Skont il-Kampanja ONE in FIVE tal-Kunsill tal-Ewropa, <https://human-rights-channel.coe.int/stop-child-sexual-abuse-in-sport-en.html>.

Għalkemm it-tfal, **li jkunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali**, jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom għal atti sesswali, huma partikolarment vulnerabbli u jistħoqqilhom protezzjoni legali komprensiva. Aħna lesti li niproteġu l-integrità personali u sesswali ta' dawn iż-żgħażaġh fl-UE.

Aħna lqajna l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi introdott il-kunċett ta' nuqqas ta' kunsens fid-definizzjoni ta' stupru li jikkonċerna tfal, li jkunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali. F'dan il-kunċett huwa ddikjarat b'mod ċar **meta jista' jingħata l-kunsens** u meta **ma jkunx possibbli għat-tfal li jagħtu l-kunsens**, bħal meta t-tfal **ma jkunux konxji**, ikunu **reqdin** jew fl-istat ta' **frozen fright**. Huwa ddikjarat ukoll li **n-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklużivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata**.

Madankollu, il-Kunsill ħassar partijiet essenzzjali ta' dan it-test. Jiddispjaċina ħafna li l-maġġoranza tal-Istati Membri ma rnexxilhomx jiksbu approċċ aktar ambizzjuż biex jiżguraw li t-tfal, li laħqu l-età ta' kunsens sesswali, jingħataw l-aktar **protezzjoni legali** b'saħħitha u komprensiva possibbli kontra atti sesswali mhux mixtieqa.

Għalina, m'hemmx għalfejn ngħidu li tfal li **ma jkunux konxji** jew li jkunu **reqdin** ma jistgħux jagħtu l-kunsens tagħhom għal atti sesswali. In-nuqqas ta' kunsens lanqas ma jista' jiġi kkonfutat esklużivament mis-skiet tat-tfal, **min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika** jew minn **imġiba sesswali passata**. Dan kollu għandu jiġi ċċarat fil-parti operattiva tad-Direttiva.

Barra minn hekk, ir-riċerka turi li l-**frozen fright** hija reazzjoni komuni għall-istupru u l-vjolenza sesswali. Pereżempju, l-istudju "Tonic immobility during rape" juri li 70 fil-mija tal-vittmi tal-istupru esperjenzaw reazzjoni ta' ffriżar billi saru immobbli u ma setgħux iponu reżistenza meta ġew soġġetti għal stupru, u kważi 50 fil-mija esperjenzaw reazzjoni estrema ta' ffriżar. L-istat ta' frozen fright mhuwiex l-ġhoti ta' kunsens. Dan huwa rispons ta' sopravivenza istintiv, u dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-parti operattiva tad-Direttiva, kif issuġġerit mill-Kummissjoni.

Bħala konklużjoni, jiddispjaċina ħafna għan-nuqqas ta' kapaċità tal-maġġoranza tal-Istati Membri li jingħaqdu flimkien fil-promozzjoni ta' approċċ aktar ambizzjuż u komprensiv biex it-tfal, li jkunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali, jiġu protetti minn atti sesswali mhux mixtieqa."